**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IT-TIENI SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** __________

## TAQSIMA A

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.** **(20 marka)**

1. Min kien is-saċerdot li waqqaf id-Dar tal-Providenza għall-persuni b'diżabilità?

___________________________________________

___________________________________________

2. X'inhu x-xogħol tal-Caritas?

___________________________________________

___________________________________________

3. X'firdiet iġib fina d-dnub?

___________________________________________

___________________________________________

4. X'ġara f'Pentekoste (Għid il-Ħamsin)?

___________________________________________

___________________________________________

5. Min huma s-suċċessuri ta' l-Appostli li qegħdin imexxu l-Knisja llum?

___________________________________________

___________________________________________

6. X'jissejjaħ l-aħħar Konċilju li sar fil-Knisja?

___________________________________________

___________________________________________

7. Min huma l-martri?

___________________________________________

___________________________________________

8. Min kien il-qassis Beatu Malti li ħadem ħafna biex ikun hawn it-tagħlim tal-Katekiżmu fost il-kbar u t-tfal kollha ta' Malta u Għawdex?

___________________________________________

___________________________________________

9. Xi tfisser meta ngħidu Knisja 'Kattolika'?

___________________________________________

___________________________________________

10. X'kien ix-xogħol ta' San Ġwann Bosco fost it-tfal u ż-żgħażagħ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## TAQSIMA B (20 marka)

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Is-sejħa ta' Levi**

Wara dan, ħareġ u lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tax-taxxi, u qallu: "Ejja warajja." Dak telaq kollox, qam u mar warajh.

Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra.

Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: "Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?"

U Ġesù weġibhom, "Mhux dawk li huma b'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."

*(Luqa 5, 27-31)*

1. X'kien ix-xogħol tal-pubblikani? (2 marki)

______________________________________________________________________

2. X'talab Ġesù minn Levi? (2 marki)

______________________________________________________________________

3. Kif wieġeb Levi għas-sejħa ta' Ġesù? (2 marki)

______________________________________________________________________

4. Għaliex il-Fariżej gergru kontra Ġesù? (2 marki)

______________________________________________________________________

5. Ikteb x'weġibhom Ġesù. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Fisser x'ried jgħid biha Ġesù din it-tweġiba. (5 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. X'għallimna Ġesù dwar l-imġiba tagħna lejn nies li m'għandhomx l-istess fehmiet u drawwiet tagħna? (5 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## TAQSIMA Ċ **(20 marka)**

**Kompli dawn is-sentenzi mis-siltiet li ssib hawn taħt.**

| | | |
|---|---|---|
| mill-imgħallem tiegħu.” | kont bil-għatx u sqejtuni.” | jilqa' lili.” |
| għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.” | fit-tagħlim ta’ l-Appostli. | sa l-aħħar taż-żmien.” |
| li tħobbu lil xulxin.” | tkunu tagħmluh miegħi.” | fost il-pagani.” |
| iżda kellhom kollox flimkien. | | |

| | |
|---|---|
| 1. “Kull ma għamiltu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, | |
| 2. “Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, | |
| 3. “Missier, aħfrilhom | |
| 4. “Nagħtikom kmandament ġdid: | |
| 5. “Lili kien fdat ix-xandir ta’ l-Evanġelju | |
| 6. Kienu jżommu sħiħ | |
| 7. “Min jilqa’ lilkom, | |
| 8. “Ma hemmx dixxiplu aqwa | |
| 9. “U ara, jiena magħkom dejjem, | |
| 10. “Ħadd ma kien li l-ġid li kellu kien tiegħu | |

## TAQSIMA D **(20 marka)**

**Għid x’ifissru dawn il-partijiet differenti tal-Quddiesa.**

1. L-Att penitenzjali

________________________________________

________________________________________

2. Is-Salm Responsorjali

________________________________________

________________________________________

3. L-Omelija

________________________________________

________________________________________

4. It-talba tal-fidili

5. Il-purċissjoni ta’ l-offerti

6. Il-Konsagrazzjoni

7. Il-Missierna

8. Nagħtu l-paċi lil xulxin

9. It-Tqarbin

10. Immorru fil-paċi ta’ Kristu

## TAQSIMA E (20 marka)

**Wieġeb.**

1. Fil-Missierna Ġesù jgħallimna kif għandna naħfru. Ikteb f’madwar 30 kelma r-raġunijiet importanti għaliex għandna naħfru.

2. F’madwar 30 kelma, ikteb kif għandha tkun l-imġiba tagħna lejn min jagħmlilna d-deni.